



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Marzu 2024
(OR. en)

7492/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0064(NLE)

TRANS 140
RELEX 298

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar it-Trasport tal-Merkanzija bit-Triq, fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-Ftehim

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim
bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova
dwar it-Trasport tal-Merkanzija bit-Triq, fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-Ftehim**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar it-Trasport tal-Merkanzija bit-Triq¹ ("il-Ftehim") ġie ffirmat mill-Unjoni fi,, u ġie applikat b'mod provviżorju minn, id-29 ta' Ġunju 2022 f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1165² u daħal fis-seħħ fil-21 ta' Awwissu 2023.
- (2) L-Artikolu 6(1) tal-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt biex jissorvelja u jimmonitorja l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehim u perjodikament jagħmel rieżami tal-funzjonament tal-Ftehim fid-dawl tal-oġettivi tiegħu.
- (3) Permezz tad- Deċiżjoni 2/2022 tal-Kumitat Kongunt³, il-perjodu tal-Ftehim ġie estiż sat-30 ta' Ġunju 2024. Skont l-Artikolu 5(2) tal-Ftehim, il-partijiet għall-Ftehim għandhom jikkonsultaw biex jivvalutaw il-ħtieġa għat-tiġdid tiegħu mhux aktar tard minn tliet xhur qabel l-iskadenza tal-Ftehim.
- (4) Sabiex kemm l-Unjoni kif ukoll ir-Repubblika tal-Moldova jkomplu jibbenefikaw mill-Ftehim, dan jenħtieġ li jiġġedded sal-31 ta' Diċembru 2025.
- (5) Il-Kumitat Konġunt, matul il-laqgħa tiegħu li jmiss, għandu jadotta deċiżjoni dwar il-ħtieġa għal kontinwazzjoni ulterjuri tal-Ftehim.
- (6) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-Ftehim, peress li d-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ser tkun vinkolanti fuq l-Unjoni.

¹ ĠU L 181, 7.7.2022, p. 4.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1165 tas-27 ta' Ġunju 2022 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq (ĠU L 181, 7.7.2022, p. 1).

³ ĠU L 79, 17.3.2023, p. 185.

- (7) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt jenħtiegħ għalhekk tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar it-Trasport tal-Merkanzija bit-Triq ("il-Ftehim") fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-Ftehim għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt jistgħu jaqblu dwar tibdiliet minuri fl-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi...,

Għall-Kunsill

Il-President
